Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

It-Tlieta 15 ta’ Jannar 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.
:21652525, 21650937 @ :marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| **66.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 66.1.1 | Ma kienx hemm. |
| **66.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 66.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 64 flimkien mal-kopja tas-Seduta b'Urġenza numru 65, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 66.2.2 | Is-Sur Steven Grech ppropona u s-Sur Stephen Caruana issekonda l-minuti tas-Seduti 64 u 65, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **66.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 66.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-20 ta' Diċembru 2018 kien attenda attività tal-Milied flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 66.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-22 ta' Diċembru 2018 flimkien mal-Viċi Sindku u mar-residenti ta' Marsaxlokk attenda għall-attività tal-Milied li organizza l-Kunsill f'Għawdex. |
| 66.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-31 ta' Diċembru 2018 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attenda għal laqgħa ma' sid il-kera tal-binja tal-Kunsill Lokali rigward il-binarju tal-kera u l-manutenzjoni tal-istess binja. |
| 66.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-4 ta' Jannar 2019 flimkien mas-Sur Stephen Caruana, is-Sur Daniel Zerafa u s-Sa Emma Vella taw Konferenza Stampa dwar il-Konsultazzjoni Pubblika relatata mal-ħinijiet tal-għeluq tal-monti ta' nhar ta' Ħadd f'Marsaxlokk. |
| 66.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-7 ta' Jannar 2019 attenda għal intervista fuq TVAM rigward il-Konsultazzjoni Pubblika li kellha ssir nhar it-12 ta' Jannar 2019 ġewwa Marsaxlokk. |
| 66.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-8 ta' Jannar 2019 attenda għal laqgħa mal-kumpannija FACES fejn matul il-laqgħa ġie diskuss l-installazzjoni ta' *bus shelters* ġodda fil-lokalità. |
| 66.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar id-9 ta' Jannar 2019 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw it-*tender* tal-Bandli ta' Ġnien il-Familja, u wara saret ukoll *site-inspection* mal-istess kuntrattur fil-Bandli tal-Magħluq sabiex jiġu identifikati t-tiswijiet li kellhom bżonn isiru. |
| 66.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar il-11 ta' Jannar 2019 flimkien mas-Sur Steven Grech kien attenda laqgħa ma' TM rigward il-moll tal-ħatt tal-ħut (quddiem Torri Vendome) u infurzar fuq mollijiet/skalien oħra. |

| | |
|---|---|
| 66.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar il-11 ta' Jannar 2019 kien attenda laqgħa mas-Segretarju Parlamentari tal-Gvern Lokali fejn ġiet diskussa l-White Paper dwar is-Swieq fil-Beraħ. |
| 66.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti b'*email* mibgħuta minn TM nhar il-21 ta' Diċembru 2018 rigward *Stakeholders Relations*. |
| 66.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti b'*email* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar il-15 ta' Jannar 2019 rigward taħriġ ta' programm għall-ħaddiema tal-Kunsill Lokali li jinvolvi *Fire Wardens u* kors baziku ta' *First Aid.* |
| 66.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti b'*emails* mibgħuta mill-Ministeru tat-Turizmu nhar it-12 u l-14 ta' Jannar 2019 rigward id-dekorazzjonijiet tal-Milied fit-toroq ta' Marsaxlokk. |
| 66.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti b'*email* mibgħuta minn IM nhar il-15 ta' Jannar 2019 sabiex issir laqgħa rigward il-proġett tal-i*slip ways* u l-iskalien. |
| 66.3.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti b'*email* mibgħuta mill-Koperattiva tas-Sajd nhar l-14 ta' Jannar 2019 sabiex issir laqgħa u tiġi diskussa l-*Bye-Law* tal-iskalien. |
| 66.3.15 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti b'*email* mibgħuta minn Nature Trust Malta nhar il-15 ta' Jannar 2019 sabiex tinżamm laqgħa rigward iż-żona Natura 2000 tal-Ballut f'Marsaxlokk. |
| 66.3.16 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti bi stabbiliment ġdid fil-Pjazza Madonna ta' Pompei fejn intalbet *No Objection*. Wara diskussjoni libera u qbil b'vot unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti ġie deċiż li għandha tinħareġ *No Objection* għal dan l-iżvilupp. |
| 66.3.17 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li għandha tinżamm laqgħa mal-PA, mal-LA, mal-Pulizija u mal-MTA sabiex tiġi diskussa l-materja tal-imwejjed u s-siġġijiet tal-istabbilimenti tal-ikel f'Marsaxlokk. |
| 66.3.18 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li l-istabbilment fejn kien *Dell'Arte* talab *No Objection* mill-Kunsill Lokali sabiex isiru xi xogħolijiet mill-Enemalta. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill ma joġġezzjonax fuq bażi li jkun hemm ċarruta taħt l-inġenji sabiex ikun protett il-pavimentar. |
| **66.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 66.4.1 | Is-Sur Horace Gauci staqsa: "Saret l-ordni tal-Fanali tad-dawl tal-Pjazza"? Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-*quotations* kienu inġabru u l-Perit irid jagħmel *site-plan* sabiex l-ispejjeż jinġabru mill-UIF hekk kif kien mifthiem f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill. |
| 66.4.2 | Is-Sur Horace Gauci staqsa: "Il-Kunsill Lokali jaqbel li infasslu Bye-Law dwar l-imwejjed u s-siġġijiet, speċjalment jekk il-monti tal-Hadd jinbidillu l-ħin tal-għeluq? Il-Bye-Law tista' tkun tkopri wkoll fost il-ġimgħa?" Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu li għandha tinżamm laqgħa mal-Avukat flimkien mal-Pulizija sabiex issir din il-Bye-Law. |

| | |
|---|---|
| 66.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-imwejjed u s-siġġijiet?" Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din il-materja ġiet diskussa fil-minuta 66.4.2 b'mistoqsija li kien għamel is-Sindku. |
| 66.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-iskalien u l-Bye-Law?" Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din il-materja ġiet diskussa fil-minuta 66.3.14 fil-Komunikazzjonijiet tas-Sindku. |
| 66.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "X'ser nagħmlu fuq il-latrini?" Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li t-*tender* qiegħed jiġi aġġudikat. Is-Sindku spjega wkoll li bagħat korrispondenza rigward id-devoluzzjoni tal-latrini lil-LA imma għadu ma ħa l-ebda risposta. |
| 66.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-*cameras*?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jsir *Service Level Agreement* sabiex jiġu installati *cameras* f'diversi żoni u li jkun hemm moniteraġġ tagħhom. |
| 66.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Ġnien ta' wara l-*Car Park*?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa mal-Ministeru konċernat sabiex issir talba għad-devoluzjoni ta' din l-għalqa. |
| 66.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Fhiex wasalna ma' TM fuq li konna kellimnieh fuq Żejtun Road, fejn il-*Pitch* u t-*Tex Mex, zebra crossing* minn fejn il-*flats* sa fejn il-Muzew tas-Subien u post għall-*Handicapped* fejn l-iskola?" Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ġiet mibgħuta ħafna korrispondenza f'dan ir-rigward imma ma ħadna l-ebda tweġiba. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa ma' TM. |
| **66.5** | **Rapporti** |
| 66.5.1 | - Permezz ta' korrispondenza datata 1 ta' Jannar 2019 mingħand *C-Planet IT Solutions* is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta għall-aprovazzjoni tal-Kunsilliera *Service Level Agreement* fuq riżorsi ta' teknoloġija fil-Kunsill. Is-Sa Emma Vella spjegat kif il-Kunsill kien se jibbenifika minn dan il-Kuntratt bħal rati orħos fejn jidħol *maintenance* tal-*hardware*, xiri ta' *computers*, installazzjonijiet, prevenzjoni ta' *viruses* u *networks*. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li l-ammont totali jiswa ta' 60 Ewro fix-xahar u jekk ikun il-każ jista' jiġi terminat billi javża lill-kumpannija 45 ġurnata qabel it-terminazzjoni. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-*Service Level Agreement* għandu jkun approvat u iffirmat sabiex il-Kunsill jibbenifika kemm finanzjarment u fl-istess waqt id-*data* tkun protetta kontinwament.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali b'eżerċizzju li għamel fir-rigward tal kontijiet tat-*telephones* għar-raġuni li l-ispiża kient ferm għolja, kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Librerija Pubblika u tat-Tourist Information Office (TIO). Is-Sa Emma Vella spjegat kif kien hemm linji kemm tat-*telephone* u tal-*Internet* li ma għadhomx jintużaw u l-Kunsill kien qed iħallas ammont ta' flus għalxejn.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li ilu ma jsir arranġament ta' kuntratt tat-telephone mis-sena 2014 u għaldaqstant il-Kunsill kien jaqbillu finanzjarment li jagħmel wieħed. Is-Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsill b'laqgħa li kienet żammet mal-GO sabiex isiru diskussjonijiet ta' kuntratt ġdid u żiedet tgħid li jekk jiġi approvat mill-Kunsilliera, il-Kunsill kien ser jiffranka ammont sostanzjali ta' flus. |

| | |
|---|---|
| | Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti ġie deċiż li l-kuntratt preżentat mis-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġi fis-seħħ mill-aktar fis possibli sabiex il-Kunsill jibbenefika finanzjarment.<br><br>Is-Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll li l-PABX tal-Kunsill ukoll kienet waslet sabiex tinbidel għax mhux qed taħdem tajjeb. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tingħabar *quotation* fir-rigward.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Memorandum Of Underdtanding* bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u s-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm. Is-Sa Emma Vella spjegat kif dan il-ftehim ser ikun sabiex il-Kunsill Lokali jkun parti minn din l-inzjattiva u jippromwovi kif ukoll jattwa l-għoti tad-demm minn fost ir-residenti fil-lokalità. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li dan il-ftehim għandu jiġi iffirmat.<br><br>- Permezz ta' *email* datata 27 ta' Diċembru 2018 mibgħuta minn residenti ta' Triq Tax-Xerriek f'Marsaxlokk fejn il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati b'ilment fejn minħabba *Guest House*, li għandha wkoll servizz ta' kiri ta' karozzi, qed ikun hemm nuqqas ta' parkeġġ għar-residenti. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa ma' l-iSpettur f'dan ir-rigward.<br><br>- Permezz ta' *email* datata 8 ta' Jannar 2019 mibgħuta mill-persuna assenjata ma' *Black Wolves Viking Warband re-enactment Group Malta*, il-Kunsill Lokali ġie infurmat bi proposti ta' żoni f'Marsaxlokk fejn l-organizzazzjoni tixtieq tagħmel taħriġ tagħha. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li qabel ma' tittieħed deċiżjoni għandu jintalab rapport tal-Pulizija u preżentazzjoni ta' x'ser isir eżatt waqt it-taħriġ u t-tip ta' armi li ser jintużaw.<br><br>- Permezz ta' *email* datata 15 ta' Jannar 2019 mibgħuta minn individwu li għandu trakk li minnu jbiegħ l-ikel, il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'rikjesta li jarma t-trakk f'xi żona f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li dan it-tip ta' servizz m'għandu jiġi approvat lil ħadd.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>RG/03471/18, PA/05794/18, PA/06032/17, PA/06748/18, PA/09670/18, PA/09893/18, PA/09981/18, PA/01103/18, PA/01137/18, PA/11265/18, PA/11127/18, PA/07959/18, RG/03130/18, RG/03098/18.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija. |
| **66.6** | **Mozzjonijiet** |
| 66.6.1 | <u>Mozzjoni Nru 01-2018 (VII)</u><br><br>*Fid-dawl ta' diskussjoni mifruxa fuq il-pajjiż rigward reklamazzjoni ta' art madwar il-kosta,*<br><br>*Fejn il-Prim Ministru elenka il-fatt li qegħdin f'sitwazzjoni fejn skart ta' kostruzzjoni ma fadalx spazju imkien fil-pajjiz fejn jigi disponut,* |

*Billi enfasizza li ġaladarba jibda il-bini tal-mina bejn Malta u Għawdex l-ammont ta' skart huwa ta' proporzjoni kbar, tant li sejjaħlu riżorsa fejn dan jista' jintuża sabiex ikabbar l-art fil-baħar,*

*Billi informa l-ERA li bħalissa għaddejja bi studju fejn qiegħda tosserva postijiet prospettivi fejn dan l-iskart jista' jintrema fil-baħar u toħloq art ġdida hekk identifikata mill-figura hawn taħt:*




*Billi Id-Direttrici tal-ERA wkoll stqarret li waħda mill-artijiet prospettivi, fosthom issemmiet il-kosta ta' Marsaxlokk sax-Xgħajra,*

*Kif ukoll kull entità hija konxja li din iż-żona hija żona protetta u ta' konservazzjoni tal-ispeci, organiżmi u ħlejjaq marittimi li jabitaw fil-kosta Xlukkajra.*

*Fuq aħbar żvelata dan l-aħħar, fejn il-Grupp Corinthia fuq diskussjoni jagħti wieħed x'jifhem li jkun hemm possibilità ta' pussess qiegħ il-baħar madwar il-kosta peninsulari fejn hemm hotels u binjiet oħra tagħhom sabiex iseħħ żvilupp. Dan joħloq preċedent qawwi fuq il-bqija tal-pajjiż fejn lukandi jew entitiajiet privati oħra jistgħu jitħajru minn dan il-preċedent jekk iseħħ.*

*Kif ukoll hekk fil-passat dan il-Kunsill flimkien ma' oħrajn fil-madwar, oggezzjona għall-proposta ta' reklamazzjoni ta' art fil-Port ta' Marsaxlokk għall-bini ta' terminal ieħor tal-Freeport. Dan wara li Marsaxlokk sofra biżżejjed kemm fuq il-bini tal-powerstation u Freeport li wassal għall-qerda marittima tal-port u għamel dannu għall-ospitalità tal-kenn tal-port.*

*Għalhekk qiegħed nirrakomanda dan il-Kunsill sabiex jieħu pożizzjoni solida favur fuq din il-mozzjoni li toġġezzjona kemm-il darba isiru proposti jew ħsibijiet ta' reklamazzjoni ta' art ġewwa il-port ta' Marsaxlokk u kemm madwar il-kosta Xlukkajra. F'kull eventwalità l-Kunsill jieħu l-miżuri kollha prattiċi, komunali u legali biex dan ma jseħħ qatt.*

Proponent: Daniel Zerafa
Sekondant: N/A

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu lkoll bejniethom li għandhom jaraw dan il-każ aktar fid-dettal qabel ma japprovaw il-mozzjoni imressqa mill-Kunsillier Daniel Zerafa. |
| **66.7** | **Sejħiet għall-Offerti** |
| 66.7.1 | - Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*tender* tal-Bandli ta' Ġnien il-Familja kien ġie iffirmat u li t-*tenders* tal-ġbir tal-iSkart u tas-*Soft Areas* ser ikunu iffirmati la tintbagħat il-Garanzija tal-Bank..<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*tender* tal-*Public Conveniences* kien qed jiġi evalwat u intalbu xi kjarifikazzjonijiet lill-*bidders*. Madanakollu dan kellu jiġi konkluż fil-jiem li ġejjijn mill-Bord ta' Evalwazzjoni. |
| **66.8** | **Il-Konsultazzjoni Pubblika tal-ħinijiet tal-monti ta' nhar ta' Ħadd** |
| 66.8.1 | Filwaqt li s-Sindku wera d-diżappunt tiegħu fir-rigward tal-ammont ta' nies li ipparteċipaw fil-Konsultazzjoni Pubblika ta' nhar it-12 ta' Jannar 2019 rigward il-ħinijiet tal-għeluq tal-monti ta' nhar ta' Ħadd f'Marsaxlokk, huwa żied jgħid li xorta japprezza l-opinjoni u l-parteċipazzjoni ta' dawk is-771 resident li ġew jesprimu l-opinjoni tagħhom f'dan ir-rigward.<br><br>Għaldaqstant is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jżomm laqgħa mal-Ministeri konċernati u jwassal il-messaġġ tar-residenti, fejn 89% wrew biċ-ċar il-fehma tagħhom li l-monti ta' nhar ta' Ħadd f'Marsaxlokk għandu jżarma sat-3:00pm. Wara vot unanimu sar qbil assolut bejn il-Kunsilliera fuq dak li ippropona s-Sindku. |
| **66.9** | **Proġett ta' Restawr tan-Niċċa tar-Redentur** |
| 64.9.1 | Is-Sindku ippreżenta il-Kuntratt tal-iskema tar-Restawr tan-Niċċa tar-Redentur u talab għall-aprovazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera l-imsemmi Kuntratt ġie approvat minn dawk preżenti u iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. |
| **66.10** | **Il-Karnival 2019** |
| 64.10.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-programm għall-Karnival 2019 lill-Kunsilliera preżenti. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill Lokali għandu jimxi fuq il-programm tas-sena ta' qabel hekk kif preżentat. |
| **66.11** | **Approvazzjoni tal-Performance Bonus Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv** |
| 66.11.1 | Is-Sindku ippreżenta l-*Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel unanimament li l-10% tal-bonus għandu jingħata kollu.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsilliera preżenti. |

| | |
|---|---|
| **66.12** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 66.13.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 1/19) għall-approvazzjoni. |
| 66.13.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 66.13.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Diċembru għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| **66.14** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 66.14.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fis-7:00p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' Frar 2019 fl-4:00p.m. |

Konfermati, illum 12 ta' Frar 2019.

IFFIRMATA

_________________

Steven Grech
Vici Sindku
f/Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

_________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv